**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 03 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 90/2022**

**Dr. Goran Milanov**

**Vs**

**Awtorita` tat-Trasport f'Malta u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2022 ġie kjamat in kawza c-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board u l-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Dr. Goran Milanov** ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi l-appellant huwa tabib residenti Malta, precizament Locum Resident Specialist (Cardio-Thoracic Surgery) u huwa impjegat mal-Gvern ta' Malta specifikament fl-Isptar Mater Dei. Kif ser jigi ampjament ippruvat waqt dan l-umli appell.*

2. *Illi f'wahda mil-klawsoli tal-kuntratt ta' impjieg tieghu l-appellant Goran Milanov, jindika x'beneficcji aktar ghandu minbarra l-paga bhala parti mill-impjieg tieghu. Illi specifikament klawsola numru 11 tal-kuntratt intitolata Other Benefits tghid is-segwenti;*

    *The contractee is entitled to the following additional benefits;*

    a. *Free healthcare in the public health care system as provided within the Government entitlement package and policies.*

    b. *Duty free entry of one car and used household effects, on condition that the car is taken out of the country on termination of the term of duty.*

3. *Illi huwa ghalhekk car u manifest mil-klawsola sopra cittata li l-esponenti bhala wahda mil-benefficcji tieghu tax-xoghol seghta jdahhal karozza wahda minn barra l-pajjiz minghajr ma jhallas taxxa.*

4. *Illi filfatt l-appellant kien applika sabiex jigi ezentat mit-taxxa u sabiex jkun jista jgib il-vettura tieghu mil-Bulgarija vettura tat-tip Mercedes C220 CDI – bin-numru ta' registrazzjoni A6943HB. Illi l-applikazzjoni saret f'Awwissu 2022.*

5. *Illi fil-15 ta' Settembru 2022, l-appellanti rcieva Refusal Letter ghall-applikazzjoni tieghu mibghuta minn Michael Zammit Munro f'isem it-Transport and residence Exemption Board , fi hdan l-awtorita tat-trasport. Liema ittra qed tigi annessa u immarkata DOK "A"*

6. *Illi f'din r-refusal letter l-appellati jghidu li l-applikazzjoni giet rifjutata a-bazi tal-fatt li l-applikazzjoni dahlet barra mit-terminu skont kif stipulat fil-ligi Sussidjarja 368.01 that r-regola 4 (3)(d). Illi precizament l-appellati qalu is-segwenti;*

   > *"the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which the applicant becomes normally resident in Malta and not later that twelve months following that date"*

7. *Illi l-appellanti hass ruhhu aggravat b'din id-decizjoni stante li jhoss li din d-decizjoni mhux ragonevoli u ma tiehux in-konsiderazzjoni l-fattispecje specjali ta' dan il-kaz in-ezami.*

8. *Illi qabel xejn l-appellanti jaghmel referenza ghall-kuntratt ta' impjieg tieghu li se jkun qed jigi pprezentat waqt din il-kawza u specifikament ghall-klawsola su-citata minhabba l-fatt li l-Gvern stess li kemm l-isptar Mater Dei fejn jahdem l-appellanti kif wkoll l-appellati jirrispondu lilu, bhala benfeccji ghall-appellanti li huwa tabib hemm propja specifikat li ghandu dritt jgib l-karozza minghajr taxxa. Huwa ghalhekk hass ruhhu aggravat li bir-rifjut tal-appellati.*

9. *Illi huwa fatt li hadd ma jista jinnegga li l-esponenti gie jahdem bhala tabib fit-taqsima tas-Surgery f'Novembru tas-sena 2020 jigiefri fl-gheqqel tal-pandemija u l-imxija tal-Covid 19 u meta l-pressjoni fuq l-isptar mater dei kienet qawwija u meta anke s-safar kien limitat ghall-kulhadd u kien hemm hafna restrizzjonijiet. Illi ghalhekk kien ferm difficli jekk mhux impossibbli ghall-appellant sabiex jmur jgib din il-karozza minn barra u ghalhekk l-appellant jemmen li fid-decizjoni taghha l-awtorita appellata ma kienitx "reasonable" fid-decizjoni taghha u ghalhekk l-esponenti hass li ghandu jinterponi dan l-umli appell.*

10. *Illi ghalhekk l-aggravji huma cari u manifesti fis-sehh li qabel xejn l-appellant ghandu fil-kuntratt li jistopla li jista jgib din l-vettura minghajr ma jhallas din t-taxxa u fit-tieni nett l-awtorita ma kienetx ragonevoli fid-decizjoni taghha u ghalhekk gie interpost dan l-appell.*

*Għaldaqstant l-appellanti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal, għar-raġunijiet suindikati, jilqa' l-aggravji taghhom u jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorità tat-Trasport datata 15 ta' Settembru 2022 u konsegwentement jordna lill-istess Awtorità sabiex tipproċessa mil-gdid l-applikazzjoni su-indikata.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ppreżentata fil-11 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u bl-ispejjez u dan peress illi d-deċiżjoni appellata giet meħuda mit-Transport and Residence Exemption Board li jaqa' taht id-dekasteru tal-Ministeru ghall-Finanzi u x-Xoghol u huwa ghal kollox indipendenti mill-Awtorita' rispondenti li maghha l-imsemmi Bord m'ghandu ebda konnessjoni skond il-ligi. Ghaldaqstant l-Awtorita' rispondenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti u dan anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza pacifika ta' dan l-Onorabbli Tribunal fosthom, inter alia, is-sentenzi fl-ismijiet 'Lorenzo Casu –vs- Chairman – Transfer of Residence Exemption Board et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-2 ta' Dicembru, 2016); 'Balbinder Malki Twana –vs- Awtorita' ghat-Trasport f'Malta et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-18 ta' Mejju, 2015) u 'Claudia Carmicio –vs- Ministeru tal-Finanzi et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fil-11 t'Ottubru, 2016).*

2. *Illi sussidjarjament u assolutament bla ebda preġudizzju għall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita' esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Ra d-digriet tas-17 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu ġew ikkjamati in kawza c-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board u l-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol;

Ra r-risposta tac-**Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board u tal-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol** ippreżentata fis-16 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi preliminarjament, iċ-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board mhuwiex il-leġittimu kuntradittur u għandu jiġi liberat mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-appellant Milanov;*

2. *Illi l-esponenti jirrilevaw li huma ġew notifikati biss bir-rikors promotur, li huwa tliet paġni, l-avviż tas-smigħ u l-avviż tal-Onorevoli Tribunal bit-terminu għar-risposta u għalhekk dina ir-risposta qed issir fid-dawl ta' dawn l-imsemmija dokumenti u mhux qed tieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe dokumenti li ġew annessi mar-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi in primis ukoll, it-talbiet kif edotti fir-rikors promotur ma jistux jintlaqu ġjaladarba mhijiex l-Awtorita' tat-Trasport li ħadet id-deċiżjoni indikata;*

4. *Strettament bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preliminari, f'kull każ u fil-mertu l-aggravji tal-appellant huma manifestament infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dan kemm għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din ir-risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulat waqt is-smiegħ tal-appell;*

5. *Illi r-raġuni ewlenija għalfejn il-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ċaħad l-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell kien propju għaliex l-appellant naqas milli jissodisfa r-rekwiżit kif impost taħt* **Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01** *(ara kopja tad-deċiżjoni tal-Bord – '***Dokument MFE1'***);*

6. *Illi* **Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01** *huwa ċar u jistipula li applikazzjoni bħal dik in mertu għandha, f'kull każ, issir sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-data li fiha applikant jittrasferixxi r-residenza tiegħu lejn Malta. Fil-każ tallum, u minn kif jirriżulta mill-kopja tal-applikazzjoni in mertu u mill-kopja tad-Dokument ta' Residenza tal-appellant, li kopji tagħhom qed jiġu ppreżentati ma' din ir-risposta u mmarkati bħala '***Dokument MFE2***' u '***Dokument MFE3'** *rispettivament, kif ukoll minn dak li ddikjara l-appellant stess fir-rikors promotur tiegħu, l-appellant ittrasferixxa ir-residenza tiegħu lejn Malta mill-Bulgarija* **<u>fil-11 ta' Novembru 2020,</u>** *filwaqt li applika għall-eżenzjoni* **<u>fid-9 t'Awwissu 2022.</u>** *Ġialadarba fil-ġurnata li ġiet preżentata l-applikazzjoni in mertu kienu diġa' laħqu għaddew aktar minn tnax il-xahar mid-data li fiha l-appellant trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta, allura l-applikant ma seta' qatt jissodisfa l-kriterju ta'* **Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01***;*

7. *Illi mingħajr ma għandu għalfejn jingħad, dan it-Tribunal għamilha ċara kemm-il darba li l-kriterji stabbiliti taħt* **Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01***, huma <u>kumulattivi</u> u <u>tassattivi</u>, bil-konsegwenza li l-Bord ma jistax japprova applikazzjoni għall-eżenzjoni f'każ li wieħed mir-rekwiżiti ma jiġix sodisfatt. Tant hu hekk li* **Regolament 4(4)** *tal-istess* **L.S. 368.01** *jagħmilha ċara li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)* **<u>m'għandhiex tingħata</u>** *meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Jiġi b'hekk li l-liġi ma tħalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Bord f'dawk il-każijiet fejn wieħed mir-rekwiżiti msemmija* ***f'Regolament 4(3)*** *ma jiġux imħarsa mill-applikant jew inkella mill-vettura tiegħu;*

8. *Illi huwa minnu li fl-2020 kien hawn l-pandemija u l-imxija tal-Covid-19, pero' ma kien hemm xejn li waqqaf lill-appellant milli japplika għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu saħansitra qabel ma importa il-vettura tiegħu għall-Malta;*

9. *Illi fl-aħħar nett, mhuwa minnu xejn li l-appellant jgawdi minn benefiċċju ta' eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu. Minn ħarsa lejn il-klawsola 11 tal-kuntratt tal-impjieg tal-appellant, hawn anness u mmarkat bħala '***Dokument MFE4',** *ta' liem kuntratt l-esponenti mhumiex parti, jidher li l-kliem li ntuża huwa "***Duty free** *of one car and used household effects...". Minn qari ta' din il-klawżola flimkien mal-informazjoni misjuba fuq il-website <u>https://customs.gov.mt/individuals/transfer-of-residence</u>, kopja ta' liem qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala '***Dokument MFE5***', huwa pjuttost ċar li din il-klawżola 11 qiegħda tirreferi għal* ***dħul f'Malta mingħajr dazju***, *li hija taxxa imposta fuq oġġetti li jiġu importati f'Malta, u mhux għat-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' vettura. Dan ir-raġunament huwa loġiku għaliex it-tifsira sinonima tal-kliem "duty free" hija dejjem dik ta' eżenzjoni mid-dazju jew minn dik it-taxxa magħrufa bħala "import duty" imposta fuq oġġett importat minn pajjiż esteru. Madanakollu, anki illi kieku l-Onorabbli Tribunal ma jqabilx mal-interpretazzjoni tal-esponenti tal-*

*kliem "Duty free", xorta waħda jibqgħa l-fatt li l-esponenti mhumiex parti mill-kuntratt tal-impjieg sopraċitat u kif ukoll l-istess kuntratt irid jiġi interpretat u jkun jadderrixxi mal-liġijiet ta' Malta u dan kif tixhed il-klawżola 12 tal-istess kuntratt li tistqarr li ġej:*

*"12. Interpretation*

*This agreement is to be interpreted in accordance with the Laws of Malta."*

*Għalhekk isegwi li kwalunkwe eżenzjoni ta' taxxa jew dazju li setgħa jottjena l-appellant kellha xorta waħda tiġi ottjenuta ai termini u in ottemporanza mal-liġijiet Maltin, f'dan il-każ fir-rigward ta' taxxa ta' reġistrazzjoni ta' vettura japplika* ***r-Regolament 4 tal-L.S. 368.01****;*

**10.** *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda korretta u m'għandhiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellant;*

**11.** *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jgħaddu biex jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw l-appell waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2024;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-deċiżjoni notifikata lilu b'ittra mibgħuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar `l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol datata 15 ta' Settembru 2022 permezz ta' liema ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Subsidiary Legislation 368.01 under rule 4 (3) (d) which stipulates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months*

*before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date".*

Illi mill-korp tar-rikors promutur jirriżulta illi r-rikorrent qed jistrieħ bażikament fuq żewġ aggravji għala d-deċiżjoni appellata għandha tiġi annullata, u ċioe`:

1. Illi fil-kuntratt ta' impjieg ngħata d-dritt li jġib vettura hawn Malta mingħajr ma jħallas taxxa;
2. Illi huwa ġie jaħdem f'Malta f'Novembru 2020, u ċioe` fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid 19, u għalhekk kien diffiċli ferm jekk mhux impossibbli sabiex imur iġib il-vettura minn barra minn Malta.

L-Awtorita` intimata, permezz tal-ewwel eċċezzjoni, tisħaq illi hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur u dana peress li hija ma kellha x'taqsam xejn mad-deċiżjoni appellata.

Il-kjamati in kawza da parti tagħhom saħqu illi r-rikorrent ittrasferixa r-residenza tiegħu lejn Malta mill-Bulgarija f'Novembru 2020 filwaqt li ssottometta r-reġistrazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni fid-9 ta' Awwissu 2022, u kwindi oltre t-tnax-il xahar stipulati fir-Regolament 4 (3) (d) tal-Leġislazjoni Sussidjarja 368.01. Il-kjamati in kawza saħqu wkoll illi r-rikorrent ġie eżentat milli jħallas **id-dazju** fuq il-vettura u mhux **it-taxxa ta' reġistrazzjoni**.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent huwa indika li ttrasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta fil-11 ta' Novembru 2020 filwaqt li l-vettura waslet hawn Malta fid-29 ta' Lulju 2022.[1]

Mill-ftehim li sar bejn il-Gvern ta' Malta u r-rikorrent datat 18 ta' Dicembru 2020 dwar l-impjieg tiegħu bħala *Locum Resident Specialist (Cardio-Thoracic Surgery)* jirriżulta li, fost affarijiet oħra, fi klawsola 11 ġie stipulat is-segwenti, u cioe`:[2]

***Additional Benefits***

*The contractee is entitled to the following additional benefits:*

---

[1] A fol. 33

[2] Dokument GM1 a fol. 53 *et sequitur*

(a) *Free healthcare in the public health care system as provided within the Government entitlement package and policies;*
(b) *Duty free entry of one car and used household effects on condition that the car is taken out of the country on termination of the term of duty.*

Ir-rikorrent xehed illi fiż-żmien ta' wara li ġie hawn Malta is-sitwazzjoni fl-Isptar kienet waħda diffiċli mmens u ma setax imur lura l-Bulgarija biex iġib il-vettura tiegħu u kien biss fis-sajf tal-2022 li seta' jerġa' jmur il-Bulgarija u jġib il-vettura miegħu.

Min-naħa l-oħra, l-eks Cermen tal-Bord kjamat in kawza, Michael Zammit Munro xehed illi r-rikorrent qatt ma semma l-kwistjoni tal-Covid 19 u li l-Bord mhux awtorizzat jagħmel eċċezzjonijiet. Spjega wkoll illi tul il-perjodu tal-Covid 19 it-terminu sabiex wieħed japplika għall-eżenzjoni qatt ma ġie estiż.

Illi mill-korrispondenza esebita man-Nota ppreżentata mill-kjamati in kawza fil-15 ta' Jannar 2024, jirriżulta illi l-uniku aggravju li kellu r-rikorrent fil-konfront tad-deċiżjoni appellata wara li rċeviha kien illi hu kien qed jinsisti li fil-kuntratt ta' xogħol tiegħu kien hemm imniżżel li seta' jġib vettura hawn Malta "duty free". It-Tribunal josserva li fl-ebda mument fl-istess korrispondenza ma semma li ma kienx ġab il-vettura f'Malta qabel minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija.

**Ikkunsidra:**

Illi qabel dan it-Tribunal jidħol fil-mertu tal-kwistjoni se jeżamina l-ewwel eċċezzjoni imqajjma minn Transport Malta u mic-Chairman kjamat in kawza, u ċioe` li ma humiex il-leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa ċar li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma żewġ entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Liġi hija mogħnija bil-poter li takkorda l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru għall-Finanzi, liema poter ġie delegat lit-Transfer of Residence Exemption Board permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta m'għandha l-ebda poter tiddeċiedi jekk vettura tikkwalifikax jew le għall-eżenzjoni, pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbażi ta' dak deċiż mill-imsemmi Bord. Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-

Awtorita` intimata għandha ragun fl-ewwel eċċezzjoni tagħha u għalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi c-Chairman kjamat in kawza ressaq eċċezzjoni identika għal dik tal-Awtorita` intimata. Għalkemm id-deċiżjoni appellata tiġi meħuda mill-Bord u ffirmata miċ-Chairman intimat, dan ikun qed isir f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol li ai termini tal-Artikolu 19 (2) (a) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta għandu s-setgħa li jeżenta vettura mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati in kawza hija fondata.

Illi għalhekk it-Tribunal se jdur issa fuq l-ewwel aggravju tar-rikorrent, u ċioe` li permezz tiegħu jilmenta illi d-deċiżjoni appellata hija irraġjonevoli stante li huwa kellu dritt idaħħal vettura hawn Malta "mingħajr taxxa".

Illi t-Tribunal josserva illi klawsola 11 tal-ftehim bejn ir-rikorrent u l-Gvern ta' Malta kienet li r-rikorrent kien intilolat għal ***"duty free entry of one car and used household effects, on condition that the car is taken out of the country on termination of the term of duty".*** Din il-klawsola kienet tifforma wkoll parti mill-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ġie estiż il-kuntratt tax-xogħol bejn ir-rikorrent u l-Gvern ta' Malta fid-9 ta' Mejju 2022.[3]

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma hemmx bżonn xi elaborazzjoni profonda dwar xi tfisser il-kelma *"duty",* u ċioe` dazju, u l-frażi "*registration tax"*. Illi dawn ir-regimi fiskali huma regolati b'liġijiet differenti u kull taxxa msemmija tinġabar mill-Gvern indipendentement mill-oħra. Illi mid-diċitura tal-ftehim huwa ċar illi dak li l-Gvern kien qed jeżenta lir-rikorrent milli jħallas kien id-dażju fuq l-importazzjoni tal-vettura ġewwa Malta, tant li mpona kundizzjoni li jekk ir-rikorrent ma jibqax jaħdem hawn Malta huwa ried joħroġ il-vettura importata mill-pajjiż.

Illi permezz tat-tieni aggravju ir-rikorrent jisħaq illi fil-perjodu tal-pandemija kien diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jmur il-Bulgarija sabiex iniżżel il-vettura in kwistjoni.

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni Mit-Taxxa Tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur):-

[3] Dokument a fol. 57

***(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subregola (1):***

***(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;***

Illi mhux kontestat illi r-rikorrent ġie jaħdem hawn Malta fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid 19 fejn kontinwament kienu qed jitħabbru restrizzjonijiet, inkluż fuq is-safar minn u lejn Malta. Dawn ir-restrizzjonijiet ġew imneħħija f'April/Mejju 2022. Permezz tal-Avviż Legali 134 tal-2022, il-projbizzjoni tal-ivvjagar minn u lejn Malta ġiet imneħħija fid-9 ta' Mejju 2022 għalkemm b'ċerti kundizzjonijiet, fosthom ta' kwarantina għal min ikun dieħel hawn Malta u ma jkunx vaċċinat.

Illi għaldaqstant mill-imsemmija data r-rikorrent żgur li seta' jivvjaġġa biex iniżżel il-vettura tiegħu hawn Malta. Mill-applikazzjoni jirriżulta li r-rikorrent iddikjara li l-vettura waslet Malta fid-29 ta' Lulju 2022.

Filwaqt li huwa minnu li t-trasport internazzjonali ġie affettwat bil-pandemija tal-Covid 19, jirriżulta illi filwaqt li r-rikorrent ħa r-residenza tiegħu hawn Malta f'Novembru 2020 huwa ma għamilx ħsieb mill-ewwel li jimporta l-vettura hawn Malta. Kien biss wara li reġa' lura lejn il-Bulgarija fis-Sajf tal-2022 li għamel dan il-ħsieb. Fil-fatt ir-rikorrent jgħid is-segwenti, u ċioe`: "*About the car. Last summer because I go back in Bulgaria, I am from Bulgaria and decide to take my car with me because there is the clause of the contract……Yes, maybe it's better to come back with my car in Bulgaria or give it to the scrap of Malta somewhere.*"

Illi t-Tribunal jifhem illi għalkemm kien perjodu diffiċli għar-rikorrent sabiex iġib il-vettura minn barra minn Malta fi żmien tnax-il xahar minn meta ħa r-residenza tiegħu hawn Malta, ma ġab ebda prova li dan kien impossibbli. Fil-fatt huwa spjega li kien għad għandu l-familja tiegħu ġewwa l-Bulgarija u kwindi kien għad għandu xi forma ta' kuntatt mal-Bulgarija.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ir-rikorrent għamel il-ħsieb li jniżżel il-vettura hawn Malta meta fis-sajf 2022 kien il-Bulgarija, b'dana illi fiż-żmien imsemmi kienu ilhom li għaddew it-tnax-il xahar minn meta ħa r-residenza normali tiegħu hawn Malta.

Illi għaldaqstant it-Tribunal ma jqisx illi setgħu jittieħdu xi ċirkostanzi straodinarji in konsiderazzjoni mill-Bord li wasslu għall-fatt li r-rikorrent applika għall-eżenzjoni oltre t-terminu previst mil-liġi. Fil-waqt li kif diġà ingħad, it-Tribunal jifhem li s-sitwazzjoni mondjali kienet għaddejja minn perjodu diffiċli, ma jsibx illi ġie ppruvat illi l-vettura ma setgħetx titwassal f'Malta fiż-żmien stipulat fil-liġi proprju minħabba s-sitwazzjoni mondjali tal-pandemija. Illi di piu`, t-Tribunal josserva illi r-rikorrent seta' japplika fi żmien tnax-il xahar mid-data li hu indika bħala d-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu hawn Malta, anke jekk il-vettura kienet għadha ma waslitx hawn Malta.

Illi meta t-Tribunal qies dan kollu fl-inkwadratura tal-aggravji tar-rikorrenti, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Bord intimat kienet waħda raġunata u skont il-liġi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi, billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata u tac-Chairman tal-Bord kjamat in kawza u jilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawza l-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**